




# Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Ġunju tal-2023

NR 143/2023 Data tal-Ħruġ: 09 ta' Awwissu 2023 Data tal-Għeluq: 01 ta' Awwissu 2023

*Ċifri proviżorji tal-kummerċ tal-merkanzija juru li, f'Ġunju tal-2023, kien irreġistrat deficit kummerċjali ta' €286.1 miljun, meta mqabbel mad-deficit ta' €520.1 miljun tal-istess xahar fl-2022.*



**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Ġunju tal-2023**

It-tagħrif kollu mogħti f'din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet jippreżenta l-kummerċ kollu tal-merkanzija sad-data tal-għeluq imsemmija. Ċifri proviżorji juru li, f'Ġunju tal-2023, kien irreġistrat deficit ta' €286.1 miljun, meta mqabbel mad-deficit ta' €520.1 miljun tal-istess xahar fl-2022. L-importazzjoni ammontat għal €624.7 miljun, mentri l-esportazzjoni laħqet it-€338.6 miljun. Dan juri tnaqqis kemm fl-importazzjoni u kemm fl-esportazzjoni, li laħaq il-€243.9 miljun u d-€9.8 miljuni, rispettivament, fuq l-istess xahar tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1). It-tnaqqis ewlieni fl-importazzjoni kien l-aktar minħabba l-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€182.0 miljun), u l-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€47.6 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, it-tnaqqis ewlieni kien irreġistrat fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€44.2 miljun), li kien sa ċert punt ibbilanċjat b'żieda fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€31.9 miljun) (Tabella nru 3).

**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Jannar-Ġunju tal-2023**

Fl-ewwel sitt xhur tas-sena, id-deficit fil-kummerċ sħiħ tal-merkanzija ċkien b'€132.1 miljun meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2022, sabiex laħaq l-€1,838.2 miljun. L-importazzjoni ammontat għal €3,939.1 miljun filwaqt li l-esportazzjoni laħqet l-€2,100.9 miljun. Dawn jirrappreżentaw tnaqqis ta' €152.3 miljun u €20.2 miljun, rispettivament (Tabella nru 1). Importazzjoni ibxax dehret fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€171.5 miljun), fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€41.2 miljun), u fil-Kimika (€22.2 miljun), li kienet sa ċertu punt ibbilanċjata b'żidiet fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€38.5 miljun), fl-Ikel (€27.8 miljun), fl-Oġġetti semi-manifatturati (€19.5 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, it-tnaqqisiet ewlenin kienu fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€98.9 miljun) u fil-Kimika (€38.4 miljun). Dawn kienu parzjalment ikkompensati b'żieda fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€89.1 miljun) u fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€27.2 miljun) (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija: Data ta' kull tliet xhur




Il-merkanzija kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, miġjuba mill-Unjoni Ewropea (50.6 fil-mija) u mill-Asja (21.4 fil-mija). Bl-istess mod, l-esportazzjoni marret l-aktar lejn l-Unjoni Ewropea (37.7 fil-mija) u l-Asja (15.0 fil-mija). Iż-żieda u t-tnaqqis ewlenin fl-importazzjoni kienu rreġistrati mir-Renju Unit (€142.0 miljun) u mill-Italja (€108.8 miljuni), rispettivament. L-esportazzjoni żdiedet l-aktar lejn il-Ġermanja (€232.0 miljun), mentri naqset l-aktar dik lejn Franza (€138.8 miljun) (Tabella nru 4).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija Eskluż Kapitli Speċifiċi[1]: Ġunju tal-2023**

F'Ġunju, id-deficit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi kapitli speċifiċi kien jgħodd €200.4 miljun, meta mqabbel mad-deficit ta' €198.5 miljun li kien irreġistrat fl-istess xahar tal-2022. L-importazzjoni u l-esportazzjoni kienu jiswew €428.6 miljun u €228.2 miljun, rispettivament, u b'hekk kien hemm żieda ta' 4.9 fil-mija fl-ewwel waħda u żieda ta' 8.6 fil-mija fit-tieni waħda, meta mqabblin mal-istess xahar tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija Eskluż Kapitli Speċifiċi[1]: Jannar-Ġunju tal-2023**

Fl-ewwel sitt xhur tal-2023, id-deficit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi kapitli speċifiċi twessa' b'€148.3 miljun meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2022, sabiex laħaq l-€1,104.9 miljuni. L-importazzjoni u l-esportazzjoni żdiedu b'9.5 fil-mija u b'5.2 fil-mija, rispettivament, sabiex laħqu l-€2,540.3 miljun u l-€1,435.4 miljun (Tabella nru 1).

## Ċart nru 2. Il-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Data ta' kull tliet xhur




## Ċart nru 3. It-tibdil perċentwali fil-kummerċ tal-merkanzija

Tqabbil mal-istess xahar ta' sena qabel




## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ sħiħ tal-merkanzija bil-gruppi ewlenin tal-prodotti

Ġunju 2023




## Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] bil-kontinent/reġjun

Ġunju 2023




[1]Id-data teskludi Fjuwil Minerali, Lubrikanti u Materjal Relatat (Kapitlu 27), Inġenji tal-Ajru, Inġenji tal-Ispazju, u Partijiet Tagħhom (Kapitlu 88) u Bastimenti, Dgħajjes u Strutturi li jżommu f'Wiċċ l-Ilma (Kapitlu 89). Ara nota 8 tan-Noti Metodoloġiċi.

Nota: It-totali jistgħu ma jammontawx minħabba l-arrotondament.